TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Ann u Ray Cachia

Vs

David Interiors Ltd – David Ellul

CCT 107/21/MM

Illum, 24-10' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-22 ta' Lulju 2021 fejn talbu s-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Ewro (€ 531.00) rappreżentanti l-prezz ta' tliet tapiti mixtri minghand l-intimat.

Illi s-socjeta' intimata, minkejja li kienet debitament notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta izda deher David Ellul jikkontesta l-kaz ghan-nom taghha.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti xtraw tliet tapiti minghand l-intimata, liema tapiti allegatament bdew jinqalghu wara biss xi erba' xhur. Minkejja skambju ta' diversi emails u telefonati huma baqghu minghajr rimedju.

David Ellul xehed li fejn it-tapiti bdew jitberflu xorta wahda ma kienx jiggustifika li huwa jikkumpensa lir-rikorrenti. Huwa jispejga li ghandu expertise fit-tapiti fejn dawn in kwistjoni kienu machine made wooven polyester.

Ikkunsidra

Illi dan huwa kaz ta' allegat tapiti milqughta minn difett mohbi mixtrija minghand l-intimat li wara trepass ta' madwar hames xhur beda jirrizulta fihom difetti relatati mal-hadma taghhom u cioe bdew jitberflu u jizzartu mit-truf. Min-naha l-ohra, l-intimat jichad li dan huwa difett u jispjega li din hija okkorrenza normali li tista tissolva b'sempliciment qaghta u harqa fejn ikun hemm *spouting* jew tberfil.

It-Tribunal kellu l-opportunita' jisma x-xhieda, ra wkoll it-tapiti, pprezentati animo ritirandi, u setgha josserva inkosistenza fix-xhieda tal-intimat. It-Tribunal huwa tal-fehma li m'huwiex accettabbli li prodott mixtri jirrizultawlu dawn id-difetti ripetutament. Illi d-difetti fit-tapit huma evidenti u gialadarba l-intimat gia kellu l-opportunita' li jsewwi l-prodott kif previst mil-Ligi izda t-tapiti xorta regghu ntlaqtu mil-istess difett, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konsumatur ghandu ragun li jinsisti li jinghata l-flus lura.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi u jorda lill-intimat jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 531.00 bid-dritt li l-intimat jiehu lura l-t-tapiti difettuzi u dan fi zmien gimgha mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Dr Martha Mifsud LL.D.
Arbitru